SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GĦAXRA (KONTINWAZZJONI)**

**17 ta' Marzu, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.35 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI

Is-Sindku Joseph Agius, il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

## SKUŻATA

Il-Kunsiller Violet Bajada.

## UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

## MINUTI

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

## SOSPENZJONI TAR-REGOLAMENTI

Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici talab is-sospenzjoni tar-regolamenti tal-laqgħa sabiex tiġi ppreżentata u diskussa ittra minn *San Ġwann Football Nursery* u li ngħatat lil Kunsilliera mill-membri ta' l-istess *Nursery* qabel ma bdiet il-laqgħa.

Din il-proposta kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet b'sitt voti favur u wieħed kontra.

***Il-Kunsillier Marica Bayliss staqsiet kemm-il darba lis-Sindku meta din il-materja ġiet diskussa fuq il-mejda tal-Kunsill, filwaqt li talbet f'liema minuti hemm imniżżel id-deċiżjoni li ma tingħatax għajnuna lin-Nursery.***

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

Saret diskussjoni dwar is-sehem tal-Kunsill f'dan it-*tournament* fejn irriżulta li kienet saret laqgħa nformali mas-Sindku u li dwarha ma kienet saret l-ebda kontra proposta mill-klabb kif ukoll l-impenn tal-Kunsill sabiex, bħalma għamel fis-snin preċedenti, jagħti s-sehem tiegħu sabiex tiġi organiżata din l-attivita'.

***Is-Sindku qal li ma rċieva l-ebda talba uffiċjalment bil-miktub biex il-Kunsill jikkolabora f'din l-attivita' man-Nursery.***

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

Il-Kunsillier Joan Farrugia ressqet din il-mozzjoni:

*"Il-Kunsill ta' San Ġwann jaqbel li b'kollaborazzjoni ma' San Ġwann Football Nursery jorganizza tournament, u l-Kunsill jallokka ammont ta' flus".*

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici.

Is-Sindku ressaq din l-emenda:

*"Il-Kunsill jaqbel li wara l-kelma "flus" għandu jidħol il-kliem "li ammont jingħata jekk jingħata permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali"*

Din l-emenda ġiet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

Il-mozzjoni kif emendata għaddiet b'vot unanimu.

Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

*"Il-Kunsill jalloka mhux iktar minn €1000 għal dan it-tournament."*

Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 8 ta' 18 ta' Jannar, 2010.

10.1.2 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

10.1.3 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 8.9.13 minflok il-kelma "Misraħ Lourdes" għandha tidħol il-kelma "Misraħ Lewża".*

10.1.4 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

10.1.5 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

10.1.6 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 8.9.16 jitneħħa l-kliem "kif ukoll kien hemm qbil li l-Kunsill jgħati l-kontribut tiegħu għall-animazzjoni waqt din il-ġurnata".*

10.1.7 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet b'ħames voti favur u tliet voti astensjoni.

10.1.8 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

10.1.9 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 8.9.19 minflok il-kelma "japprova" għandha tidħol il-kelma "iddiskuta" u minflok il-kliem "sabiex jintuża waqt il-laqgħat tal-Kunsill" għandhu jidħol il-kliem" jew apparat ieħor".*

10.1.10 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

10.1.11 Emenda mressqa mill-Kunsillier Joan Farrugia:

10.1.12 *"Il-Kunsill jaqbel illi minuti 8.9.18 u 8.9.20 jiġu kkanċellati"*

10.1.13 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u għaddiet unanimament.

10.1.14 Emenda mressqa mill-Kunsillier Joan Farrugia:

10.1.15 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 8.3.10 wara l-kelma "printer" għandhom jiżdiedu l-kliem "u lanqas kompjuter".*

10.1.16 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

10.1.17 Emenda mressqa mill-Kunsillier Joan Farrugia:

10.1.18 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 8.9.9 minflok il-kelma "ftit 'l isfel" għandha tidħol il-kelma "metru".*

10.1.19 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

10.1.20 Il-Kunsillier Rita Saliba ressqet din il-mozzjoni:

10.1.21 *"Il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa numru 8 (18 ta' Jannar 2010) kif emendati."*

10.1.22 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

10.1.23 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 8 (Kontinwazzjoni) ta' 24 ta' Frar , 2010.

10.1.24 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

10.1.25 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 8.2.2 għandu jitkompla dan il-kliem "fejn is-Segretarju Eżekuttiv qara punti mil-liġi li tgħid li l-korrispondenza trid tinbagħat b'email. Il-Kunsillier Neville Mallia qal li ma hemm imsemmi xejn dwar l-aġenda u l-minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu memo li jikkonferma li l-aġenda u l-minuti ma jingħatawx lil Kunsilliera u li se jgħaddi kopja lil Kunsilliera".*

10.1.26 Din il-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

10.1.27 Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis kien skużat mil-laqgħa fit-7:50 ta' filgħaxija.

10.1.28 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

10.1.29 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 8.9.14 minflok il-kelma "Misraħ Ewrikarja" għandu jidħol "Triq is-Sorijiet Franġiskani k/m Triq J.F.Marks."*

10.1.30 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

10.1.31 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

10.1.32 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 8.9.17 minflok il-kliem "filwaqt li ddeplora lil kull min b'xi mod ried ifixkel jew inaqqas mill-importanza li kellha din l-attivita'" għandu jidħol il-kliem "Il-Kunsilliera Marica Bayliss iddeplorat il-fatt li minn*

*fuq il-**“~~medja~~” “mejda”** issib tfixkil fl-attivitajiet u li ma tippretendi għajnuna minn ħadd imma lanqas min ifixkilha.”*

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

10.1.33 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

10.1.34 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

10.1.35 *“Il-Kunsill jaqbel illi f’minuta 8.9.26 minflok il-kelma “San Mikiel” għandha tidħol il-kelma Triq J.F.Marks”.*

10.1.36 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

10.1.37 Emenda mressqa mill-Kunsillier Joan Farrugia:

10.1.38 *“Il-Kunsill jaqbel illi qabel il-minuta 8.2 jidħol il-kliem “Il-Kunsillier Joan Farrugia ippreżentat ittra biex tintbagħat lid-Direttur, iffirmata minn sitt Kunsillieri biex tiġi ffirmata minn Joseph Agius wara li qabel mal-kontenut. Il-Kunsillier Rita Saliba qalet li mhux f’pożizzjoni li tiffirma pero, finalment iffirmat”.*

10.1.39 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

10.1.40 Emenda mressqa mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici:

10.1.41 *“Il-Kunsill jaqbel illi f’minuta 8.9.23 minflok il-kelma “jiħoloq” tidħol il-kelma “jinħoloq”.*

10.1.42 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet unanimament.

10.1.43 Emenda mressqa mill-Kunsillier Rita Saliba:

10.1.44 *“Il-Kunsill jaqbel illi f’minuta 8.9.23 jidħol il-kliem “Il-Kunsillier Rita Saliba ssekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici proponit biex l-iskips jerġgħu jiżdiedu fejn hemm il-ħtieġa.”*

10.1.45 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ma għadditx bi tliet voti favur u erba’ voti kontra.

10.1.46 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

10.1.47 *“Il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa numru 8 (Kontinwazzjoni) tal-24 ta’ Frar, 2010, kif emendati.”*

10.1.48 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet b'ħames voti favur, vot kontra u vot ta' astenzjoni.

10.1.49 Fuq talba għal *division* irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku u l-Kunsilliera David Dalli, Marica Bayliss, Neville Mallia u Joan Farrugia, l-vot kontra tal-Kunsillier Rita Saliba u l-astenzjoni tal-Kunsilllier Anthony Mifsud Bonnici.

10.1.50 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

10.1.51 *"Il-Kunsill japprova kontinwazzjoni tal-laqgħa b'nofs siegħa."*

10.1.52 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

10.1.53 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 9 ta' 24 ta' Frar, 2010.

10.1.54 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

10.1.55 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuti 9.3.6 u 9.3.7 minflok il-kliem "l-emendi tal-Liġi" għandu jidħol il-kliem "Memo tad-Dipartiment".*

10.1.56 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet b'ħames voti favur u tnejn kontra.

10.1.57 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

10.1.58 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 9.5.4 jiżdied il-kliem "għajr għal wieħed mill-pagamenti tat-trophies tal-Karnival 2010 peress li dawn kienu difettużi".*

10.1.59 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet unanimament.

10.1.60 Il-Kunsilliera Rita Saliba ħarġet mil-laqgħa fit-8.32 ta' filgħaxija.

10.1.61 Emenda mressqa mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici:

10.1.62 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 9.5.7 jidħol il-kliem lejn l-aħħar tal-paragrafu "apparti dan il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici astjena wkoll minħabba li ma ġiex mgħoddi permess biex jara l-invoices fil-gallinar li hemm a dispozizjoni tal-Kunsilliera".*

10.1.63 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

10.1.64 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

10.1.65 *“Il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa numru 9 (24 ta’ Frar, 2010) kif emendati.”*

10.1.66 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

10.1.67 Il-Kunsillier Neville Mallia ħareġ mil-laqgħa fit-8:36 ta’ filgħaxija.

**10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Skeda ta’ Pagamenti**

10.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta’ pagamenti numru 17 u 18 kif ukoll talbiet għal ħlas magħmula minn *Rovic Ironmongery*, *Charles Bayliss*, *Sammy Borg Enterprises Limited* u *Dimbros Limited*, li kopja tagħhom hi anessa bħala dokumenti “10Ċ” u “10D” ma’ dawn il-minuti.

10.7.2 Il-Kunsillieri Rita Saliba u Neville Mallia daħlu għal-laqgħa u l-Kunsillier David Dalli kien skużat fid-8.41 ta’ filgħaxija.

**10.7.2a Il-Kunsillier David Dalli daħal għal-laqgħa fid-8.43 ta’ filgħaxija.**

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

10.7.3 Saret diskussjoni dwar l-ammont ta’ l-*overtime* ta’ l-impjegati.

10.7.4 Il-Kunsillier Joan Farrugia ħarġet mil-laqgħa fid-8:47 filgħaxija.

10.7.5 Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv iħejji rapport dwar l-*overtime* maħdum minn kull impjegat għal dawn l-aħħar sitt xhur.

10.7.6 Il-Kunsillier Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa u l-Kunsillier Joan Farrugia daħlet lura fil-laqgħa fid-8:50 ta’ filgħaxija.

10.7.7 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-mozzjoni:

10.7.8 *“Il-Kunsill jaqbel li pagament numru 38 ta’ CT Graphics ma jiġix approvat u l-pagament numru 22 fejn it-tyre jiġi imħallas iżda jitnaqqas mill-pagament tal-van.”*

10.7.9 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

10.7.10 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din l-mozzjoni:

10.7.11 *“Il-Kunsill jaqbel li pagament numru 7 ta’ skeda 18 rigward CCTV ma jiġix approvat peress li qatt ma kien hemm approvazzjoni għaliha.”*

10.7.12 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

10.7.13 Kien hemm qbil unanimu li t-talba ta’ ħlas ta’ *Dimbros Limited* tiġi approvata wara li jkun sar ċertifikazzjoni mill-Perit responsabbli mix-xogħlijiet fiż-żmien li twettqu.

10.7.14 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

10.7.15 *“Il-Kunsill japprova l-listi ta’ pagamenti kif emendati u pagamenti oħra mressqa.”*

10.7.16 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

10.7.17 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.00 ta’ filgħaxija għal nhar it-Tlieta 13 ta’ April, 2010.

Konfermati, illum **20 ta’ Mejju, 2010**

| | |
|---|---|
| Joseph Agius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |